# Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa ta' Birżebbuġa

minn Conrad D' Amato, Segretarju Għaqda Storja u Kultura

Ir-raħal marittimu ta' Birżebbuġa din is-sena jimmarka għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tiegħu bħala parroċċa. Għalkemm wieħed jista` faċilment jargumenta li din ix-xaqliba tal-gżira kienet fost l-ewwel mgħammra bin-nies, però ħadet ftit taż-żmien sakemm żviluppat f'raħal residenzjali.


Il-Bajja ta' San Ġorġ

Tul il-medjuevu u s-snin li ġew wara, dawn l-inħawi kienu kważi diżabitati għalkollox u l-art kienet użata primarjament għall-biedja minn diversi bdiewa li kienu jinżlu mill-irħula tal-madwar. In-nuqqas ta' fortifikazzjonijiet tul il-kosta kienu jagħmlu dawn l-inħawi wisq perikolużżi għall-għejxien, speċjalment bil-preżenza tal-pirati tal-baħar li ta' spiss kienu jinżlu sabiex jisirqu u jkaxkru dak kollu li jiġi għal idejhom. Dan il-fattur kien ir-raġuni prinċipali għalfejn dawn il-bdiewa kienu jħallu djarhom fl-irħula kmieni filgħodu, u wara ġurnata xogħol fl-għelieqi kienu jerġgħu jinġabru lura fl-irħula li kienu joffru iktar sens ta' sigurtà. Imma mis-seklu 17 `il quddiem bdew jiġu mibnija diversi fortifikazzjonijiet li kienu tant meħtieġa, li wasslu għall-ħajja iktar trankwilla. B'riżultat ta' dan diversi bdiewa bdew jirranġaw partijiet mill-irziezet tagħhom sabiex ikunu jistgħu joqogħdu fihom flimkien mal-familjari tagħhom bil-għan li jkunu iktar qrib il-post tax-xogħol tagħhom. Dan kollu wassal sabiex bdew jiġu ffurmati l-ewwel irħula rurali ċkejknin, li fis-snin ta' wara żviluppaw f'żewġ parroċċi sbieħ; Marsaxlokk fl-1897 u 16 il-sena wara Birżebbuġa.


Il-Bajja ta' Kalafrana fl-1930

F'nofs is-seklu 19 l-inħawi ta' Birżebbuġa kienu magħmulin minn tliet irħula żgħar, Bengħajsa, Ħal Far u appuntu Birżebbuġa, preċiżament fiż-żewġ bajjiet prinċipali, dik ta' San Ġorġ u l-Bajja s-Sabiħa. Filwaqt li l-irħula ta' Ħal Far u Bengħajsa kienu rħula marbuta purament mal-biedja, iż-żewġ bajjiet ta' Birżebbuġa bdew bil-mod il-mod jiżviluppaw f'postijiet ta' villeġġatura tas-sajf għal diversi nies nobbli l-aktar mill-Kottonera. Dawn in-nies kienu jsibu l-hena tagħhom għall-kwiet fl-isbuħija naturali li kienet toffri Birżebbuġa f'dawk iż-żminijiet. Però hawn bdiet tinħoloq problema, għax fejn tul ix-xhur sħan tas-sajf il-popolazzjoni kienet tilħaq it-800 ruħ, hekk kif jasal Settembru u l-villeġġanti tas-sajf jerġgħu lura lejn l-ibliet, il-ftit nies li kienu jgħixu hawn is-sena kollha kienu jibqgħu iżolati u prattikament maqtugħin mill-kumplament tal-pajjiż.


L-isqof Pietru Pace

Wieħed minn dawn il-villeġġanti tas-sajf kien il-Kanonku Bormliż Dun Spir Penza, li tant kien iħobb lil Birżebbuġa li kellu dar fil-Bajja s-Sabiħa fejn fiha kien jinżel għall-mistrieħ tiegħu. Waqt li kien ikun Birżebbuġa, kien jieħu ħsieb il-ħtiġiet spiritwali tan-nies li kienu jgħixu hawn, u sabiex jagħmel dan kien jinqeda bil-kappella tas-Sagra Familja li tinsab fi Triq iż-Żurrieq. Il-problema li kienet qed tħabbtu kienet, li hekk kif jgħaddi Settembru u hu jerġa' lura lejn Bormla, l-imsejkna nies li kienu jibqgħu jgħixu hawn kienu jkunu mingħajr servizz ta' saċerdot, mhux biss għall-kura spiritwali imma anke għall-bżonnijiet oħra tal-ħajja ta' kuljum. Hawn ma'

rridux ninsew li għal dak iż-żmien, saċerdot kien punt ta' referenza mportanti għall-poplu li fil-maġġoranza tiegħu kien illiterrat u bla skola. Dan il-fatt kien ilu jittormentah u għalhekk ma` setax joqgħod passiv quddiem sitwazzjoni bħal din. Għalhekk iddeċida li jibni knisja ikbar bil-għan li hekk kif tkun lesta jitlob lill-Isqof sabiex iwaqqafaha bħala parroċċa ġdida.

Din il-knisja nbniet preċiżament kantuniera `l bogħod mid-dar tal-mistrieħ tiegħu, li maż-żmien saret id-dar fejn fiha beda jgħix is-sena kollha, hekk kif iddeċida li jħalli Bormla u jinżel jgħix mal-poplu fqajjar u sempliċi ta' Birżebbuġa. Din il-knisja oriġinarjament ma` kienet xejn għajr tliet remissi li kienu jiffurmaw parti minn ġnien kbir li kien jinsab fuq wara ta' dar kbira u lussuża li n-nobbli Paolino Attard Montaldo kien għadu kemm bena fil-Bajja s-Sabiħa għar-residenza tiegħu tas-sajf. Din il-knisja ddedikata lil Marija Addolorata, għad li fqira u nieqsa kważi minn kollox kienet ġiet solennament imbierka mill-Isqof Pietru Pace nhar l-14 ta' Awwissu tal-1907. Ftit ġimgħat wara Dun Spir kien kiteb u preżenta rikors lill-Isqof Pietru Pace sabiex din il-knisja tingħata l-grad ta' parroċċa bil-għan li tkun ta' benefiċju spiritwali għan-nies li kienu jgħixu fl-inħawi. Rikors simili kien inkiteb ftit jiem wara minn Dun Alwig Albanese, rettur tal-kappella tas-Sagra Familja, fejn dan kompla jsostni l-importanza tat-talba ta' Dun Spir.



*L-ewwel Knisja Parrokjali tad-Duluri*

Irridu ngħidu li fis-snin ta' wara din il-knisja għamlet avvanzi kbar, li nkludew it-tkabbir tagħha flimkien mal-bini ta' żewġ terrani wieħed fuq kull naħa għall-użu amministrattiv, u l-bini tal-faċċata ferm sabiħa li naraw illum. Dan ix-xogħol kollu kien lest f'Jannar tal-1910 u kien riżultat ta' diversi kontribuzjonijiet mingħand diversi villeġġanti nobbli tas-sajf. Il-vara titulari ta' Marija Addolorata kienet ingħatat b'rigal mill-Kanonku Dun Achille Refalo u waslet Birżebbuġa nhar is-17 ta' Awwissu tal-1910. Il-festa titulari tad-Duluri bdiet tiġi ċċelebrata kull tielet Ħadd ta' Settembru, qabel il-villeġġanti jħallu l-Birżebbuġa sabiex jerġgħu jinġabru lejn djarhom fl-ibliet. Barra minnhekk ta' min jirrimarka ukoll li f'Ġunju kienet issir il-festa ferm devota tal-Qalb ta' Ġesù.

Dawn l-avanzi kollha li semmejna, flimkien ma' oħrajn wasslu lil Birżebbuġa għall-iktar ġurnata mportanti, dik tad-9 ta' Settembru tal-1913, meta dakinhar l-Isqof Pietru Pace ħareġ digriet li permezz tiegħu fired l-inħawi ta' Birżebbuġa mill-parroċċi taż-Żurrieq, Gudja, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk u għolla l-knisja ċkejkna tad-Duluri għad-dinjità ta' parroċċa awtonoma u ndipendenti. Sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu, l-istess Isqof ħareġ ittra pastorali li nqrat fil-knejjes kollha tad-Djoċesi fejn permezz tagħha spjega r-raġunijiet li wassluh sabiex jieħu din id-deċiżjoni kif ukoll sabiex iħabbar lill-Kanonku Dun Karm Bugelli (politiku li fl-1921 ikontesta l-Elezzjoni Ġenerali mal-UPM) bħala l-ewwel kappillan ta' Birżebbuġa. Iktar ma beda għaddej iż-żmien il-popolazzjoni kompliet tikber u dan wassal għal ħtieġa ta' knisja akbar. Hekk naraw li nhar id-29 ta' Awwissu tal-1926 l-Isqof Mauro Caruana kien qiegħed b'mod solenni l-ewwel ġebla tat-tieni knisja parrokjali ddedikata lil San Pietru.



*Triq id-Duluri armata għall-festa fil-bidu tas-seklu l-ieħor*

Is-snin għaddew u llum il-ġurnata il-villaġġ ċkejken tal-mistrieħ bil-kemm għadu jintaraf minn kif kien seklu ilu, b'riżultat tal-iżviluppi ndustrijali u residenzjali li saru. Illum Birżebbuġa hi d-dar ta' aktar minn 10,500 ruħ li għażluha

sabiex jgħixu fiha b'mod permanenti, filwaqt li madwar 2,000 ruħ oħra li għadhom jiġu jqattgħu il-btajjel tagħhom fix-xhur sħan tas-sajf. Tul dan is-seklu ta' storja Birżebbuġa għaddiet minn diversi episodi kemm sbieħ kif ukoll oħrajn li forsi ħallew togħma xi ftit morra, l-aktar it-Tieni Gwerra Dinjija li affetwat lil Birżebbuġa minħabba l-fatt li kienet tospita bażi navali u militari fil-Bajja ta' Kalafrana kif ukoll mitjar militari f'Ħal Far. Fuq nota iktar posittiva wieħed ma jridx jinsa jsemmi l ġrajja ta' meta nhar it 2 u t 3 ta' Diċembru tal 1989, fuq bastiment sorġut fil Bajja ta' Birżebbuġa seħħ summit importanti bejn il mexxejja taż żewġ superpotenzi, George Bush tal Istati Uniti u Mikhail Gorbachev tal Unjoni Sovjetika. F'dan is summit, li seħħ propju ftit ġimgħat biss wara l waqgħa tal Ħajt ta' Berlin, dawn iż żewġ mexxejja difnu d differenzi ta' bejniethom fil baħar ferm imqalleb li nżerta dakinhar, sabiex b'hekk ġiet fi tmiema l 'Gwerra l Bierda.'



Tul din is-sena il-parroċċa ta' Birżebbuġa organizzat diversi attivitajiet sabiex tfakkar dan l-avveniment hekk importanti. L-Għaqda tagħna, li din is-sena għalqet 20 sena minn meta ġiet imwaqqfa, bħas-soltu tat is-sehem tagħha mill-aspett storiku. Minn din il-paġna nixtieq nirringrazzja liż-żewġ kollegi storiċi s-sinjuri Arthur Grima u Michael Balzia, kif ukoll lis-sur Emmanuel Francalanza tax-xogħol ferm siewi tagħhom. F'isem dawn sħabi ma nistax ma nirringrazzjax lil kull min tul is-snin kien ta' għajnuna permezz ta' materjal, informazzjoni u anki bi kritika kostruttiva li żgur għenitna sabiex niżviluppaw iktar il-produzzjonijiet tagħna. Grazzi mill-qalb lil kulħadd, għax bis-saħħa tagħkom Birżebbuġa llum tista` ukoll tiftaħar bl-istorja tagħha!!



